MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 997/2014

**Alexander Farrugia**

**vs**

**More Supermarkets (Hamrun) Limited (C57252), More Supermarkets (Mosta) Limited (C60925), More Supermarkets (Fgura) Limited (C61496) u More Supermarkets (P’Ville) Limited (C61504)**

**Il-Qorti,**

**A. RIKORS:**

Rat ir-Rikors ippreżentat quddiem din il-Qorti fil-11 ta’ Novembru 2014 (“ir-Rikors”) minn More Supermarkets (Mosta) Limited, More Supermarkets (Fgura) Limited u More Supermarkets (P’Ville) Limited (“is-soċjetajiet rikorrenti”), li ppremettew u għamlu s-segwenti talba:

*Illi s-sekwestrant talab il-ħruġ ta’ dan il-Mandat in forza ta’ titolu eżekuttiv akkwiżit minnu permezz ta’ kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu in atti Nutar Dottor Claire Camilleri datat 20 ta’ Ġunju 2014, reż eżegwibbli permezz tal-ittra uffiċjali numru 3052/14;*

*Illi l-esponenti qegħdin kontestwalment mal-preżentata ta’ dan ir-rikors jintavolaw proċeduri quddiem dina l-Onorabbli Qorti kontra s-sekwestrant u terzi sabiex il-kuntratt de quo abbażi ta’ liema intalab, u inħareġ, il-Mandat de quo jiġi dikjarat null u bla effett fil-Liġi, u dan stante qerq, frodi u rappreżentanza indebita tal-esponenti fuq il-kuntratt de quo;*

*Illi l-eżitu ta’ din il-kawża jista’ jinfluwixxi fuq il-validità tal-ħruġ tal-Mandat de quo, stante li f’każ ta’ eżitu pożittiv għall-esponenti, dan il-Mandat konsegwentement jiġi null u bla ebda effett fil-Liġi;*

*Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tissospendi l-eżekuzzjoni tal-Mandat de quo sakemm dina l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi l-kawża li qed tiġi intavolata kontestwalment ma’ dan l-Att fl-ismijiet More Supermarket (Hamrun) Limted et vs Alexander Farrugia.*

*Salv kull provvediment ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.*

**B. RISPOSTA:**

Illi fit-13 ta' Novembru 2014, din il-Qorti tat digriet fejn ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontroparti u tatu erbat ijiem żmien biex iwieġeb bil-miktub.

Rat ir-Risposta ta' Alexander Farrugia tal-4 ta' Diċembru, 2014 li wieġeb kif ġej:

1. *Illi l-esponenti għandu titolu eżekuttiv kontra l-intimati.*

2. *Illi t-titolu li għandu l-esponenti huwa kostituzzjoni ta' debitu fejn l-intimati ikkostitwew ruħhom ċerti likwidi debituri.*

3. *Illi l-esponenti rrenda it-titolu eżekuttiv permezz ta' ittra uffiċjali (Nru. 3052/14), liema ittra uffiċjali ma kienetx ġiet ikkontestata u lanqas biss iddaħlet risposta.*

4. *Illi barraminnhekk, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti li l-mandat huwa null u bla ebda effett fil-Liġi minħabba qerq, frodi u rappreżentanza indebita huma kollha allegazzjonijiet bla bażi legali.*

5. *Illi barraminnhekk ir-rikorrenti kellhom diversi opportunitajiet li jikkontestaw dana it-titolu anke meta rċevew l-ittra uffiċjali fil-bidu ta'*

*Ottubru tas-sena kurrenti, però huma naqsu li anke jippruvaw jagħmlu imqar risposta.*

6. *Illi dana huwa attentat ieħor mal-ħafna oħra sabiex l-intimati ma jonorawx l-obbligi assunti.*

7. *Illi l-esponenti jaf illi l-intimati qegħdin jagħmlu minn kollox sabiex jaħbu assi appartenti lilhom sabiex ma jonorawx l-obbligi tagħhom.*

8. *Illi tali sospensjoni tippreġudika lill-esponenti stante li wieħed diġà jkollu problema li għandu titolu eżekuttiv u jsib id-diffikultajiet sabiex jeżegwih u speċjalment f'dan il-każ għandu diffikultajiet kbar sabiex jitħallas u għaldaqstant kwalunkwe possibbiltà li jitħallas u jieħu flusu lura qegħda tiġi dejjem imsejjsa b'tali sospensjoni.*

*Għaldaqstant in vista tal-premess, l-esponenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tal-intimati stante li t-titolu eżekuttiv ma għandux jiġi disturbat.*

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Diċembru, 2014 fejn appuntant ir-Rikors għas-smigħ għas-seduta tas-16 ta' Diċembru, 2014.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet.

Illi fl-istess udjenza, il-Qorti tat digriet fejn ħalliet ir-rikors għal provvediment *in camera.*

**Ċ. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi permezz ta' ittra uffiċjali li ġiet intavolata fl-1 ta' Ottubru 2014 (Nru. 2052/2014), l-intimat Alexander Farrugia irrenda eżegwibbli titolu eżekuttiv ai termini tal-Artikoli 253(b) u 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema titolu eżekuttiv jikkonsisti f'kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ppubblikat fl-atti tan-Nutar Claire Camilleri fl-20 ta' Ġunju 2014.

Illi permezz ta' dan il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, is-soċjetajiet rikorrenti More Supermarkets (Hamrun) Limited (C57252), More Supermarkets (Mosta) Limited (C60925), More Supermarkets (Fgura) Limited (C61496) u More Supermarkets (P'Ville) Limited (C61504) irrendew irwieħhom debituri tal-imsemmi Alexander Farrugia għal dejn ċert, likwidu u dovut fis-somma ta' miljun u nofs euro (€1.5 miljun) li skont ma jsostni l-istess Alexander Farrugia, din is-somma kienet ġiet mislufa minnu lis-soċjetajiet rikorrenti.

Illi sussegwentement l-intimat Alexander Farrugia, għall-iskop ta' eżekuzzjoni tal-istess titolu eżekuttiv, kiseb il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv Nru. 1622/14 ("il-Mandat").

Illi wara li nħareġ il-Mandat, permezz ta' proċeduri separati s-soċjetajiet rikorrenti qegħdin jikkontendu, illi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li abbażi tiegħu intalab il-mandat de quo, għandu jiġi dikjarat null u legalment bla ebda effett minħabba qerq, frodi, u rappreżentazzjoni indebita tal-intimat fuq il-kuntratt in kwistjoni.

Illi permezz tar-Rikors is-soċjetajiet rikorrenti mhumiex jitolbu t-tħassir ta' l-Mandat ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, imma talbu li l-Qorti "tissospendi l-eżekuzzjoni tal-Mandat de quo sakemm…tiddeċiedi l-kawża li qed tiġi intavolata kontestwalment ma' dan l-Att fl-ismijiet More Supermarket (Hamrun) Limted et vs Alexander Farrugia".

Illi fi kwalunkwe każ "l-għan li għaliha ddaħħlet il-proċedura taħt l-Artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, il-parti eżekutata tbati preġudizzju. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ."[1]

Barraminnhekk mir-Rikors ma jirriżultax b'mod ċar liema huma d-dispożizzjonijiet preċiżi tal-liġi li fuqhom is-soċjetajiet rikorrenti qegħdin jibbażaw it-talba tagħhom għal sospensjoni ta' l-Mandat in kwistjoni. Tant hu hekk dan in-nuqqas ta' ċarezza tirriżulta wkoll mill-fatt li fir-Rikors innifsu s-soċjetajiet rikorrenti jgħidu li qiegħda tintalab is-sospensjoni ta' l-Mandat, filwaqt li fir-rikors tas-soċjetà More Supermarkets (Hamrun) Limited ippreżentat fl-24 ta' Novembru 2014 sabiex tkun tista' ssir in-notifika lil Alexander Farrugia wara l-ħinijiet legali, jingħad li r-rikors huwa "ta' revoka".

Illi filwaqt li s-soċjetajiet rikorrenti permezz ta' proċeduri separati qegħdin jattakkaw l-validità tat-titolu eżekuttiv li ġie reż eżegwibbli mill-intimat,

[1] **Michael Micallef vs Lloyds Malta Limited** (C24284) deċiża mill-PA fit-2 ta' Ottubru 2014. Ara wkoll Ara, per eżempju, App. Ċiv. 1.12.2000 fil-kawża fl-ismijiet **Briffa vs Stones Properties Ltd. noe** (Kollez. Vol: LXXXIV.ii.1401) u App. Ċiv. 25.5.2001 fil-kawża fl-ismijiet ***K.T.I. vs Serge*** (Kolleż. Vol: LXXXV.ii.414).

pendenti l-eżitu ta’ dawn il-proċeduri huma qegħdin jitolbu li tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv u tal-Mandat in kwistjoni.

Illi għandu jiġi rrilevat li l-unika istanza kkontemplata mil-liġi fejn tista’ tintalab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta’ titolu eżekuttiv (apparti talbiet għas-sospensjoni ta’ bejgħ bis-subbasta skont l-Artikolu 326 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta), hija dik prevista fl-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta fejn il-Qorti tista’ tissospendi l-eżekuzzjoni ta’ kambjala jew *promissory note* kollha jew f’parti minnha fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta’ dik il-kambjala jew *promissory note* minħabba li l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni.

Li kellha din il-Qorti għas-saħħa tal-argument tadotta b’analoġija l-prinċipju tal-prova *prima facie* applikabbli għall-ħruġ ta’ mandati kawtelatorji, irid jiġi rilevat li fil-kors tas-smigħ ta’ dan ir-Rikors, is-soċjetajiet rikorrenti ma ġabux l-iċken prova, imqar waħda *prima facie* in sostenn ta’ dak li qiegħed jiġi allegat minnhom fir-Rikors u ċjoè li t-titolu eżekuttiv li abbażi tiegħu nkiseb il-ħruġ ta’ l-Mandat, huwa null u bla effett fil-liġi stante qerq, frodi u rappreżentanza indebita tas-soċjetajiet rikorrenti fuq il-kuntratt in kwistjoni.

**D KONKLUŻJONIJIET:**

**Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qegħda tiċħad it-talba tas-soċjetajiet rikorrenti għas-sospensjoni tal-mandat ta’ sekwestru nru. 1622/14 fl-ismijiet: “Alexander Farrugia vs. More Supermarkets (Hamrun) Limited (C57252), More**

**Supermarkets (Mosta) Limited (C60925), More Supermarkets (Fgura) Limited (C61496) u More Supermarkets (P'Ville) Limited (C61504) kif dedotta fir-rikors tagħhom tal-11 ta' Novembru 2014. L-ispejjeż ta' dan il-proċediment jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali dwar l-istanza fil-mertu bejn il-partijiet.**

**Onor. Dr. Lawrence Mintoff LL.D.**

**Imħallef**

**Dep. Reg.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------